Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

Data tal-laqgħa: 20 ta' Mejju 2025

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-4.20pm. Is-Sindku skuża ruħu peress li wasal tard.

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 11 u ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 2. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

12.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier MLB, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku EG, il-minuti ta' Laqgħa Nru. 11 ġew approvati. Fuq proposta tal-Kunsillier MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier AG, il-minuti tal-Laqgħa tal-Lokalità Nru. 2 ġew approvati.

## 12.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

12.3.1 <u>Para 2.6.2 – Laqgħa tal-Lokalità – *Enforcement*</u>
Se ssir laqgħa mal-Ispettur Cremona biex jiġu diskussi numru ta' ilmenti relatati ma' infurzar. Issemma ilment dwar mużika qawwija li kienet qed tindaqq nhar il-Ħadd li għadda bejn il-11.00am u s-7.00pm. Apparentement stabbiliment partikolari għamel *outdoor party*. Se jiġi ċċekkjat x'tip ta' permessi suppost ikun hemm, sabiex torganizza *outdoor party*.

12.3.2 <u>Para 2.6.2 – Laqgħa tal-Lokalità – *Central Strip* ġdida fi Triq il-Qarċilla</u>
Is-SE infurmat li l-kurduna ġiet miżbugħa mill-ħaddiema tal-Kunsill u IM se jkunu qed jwaħħlu t-tabelli.

12.3.3 <u>Para 11.3.1 – Dawl dekorattiv</u>
Is-Sindku infurma lir-rifletturi ġew installati però jidher li se jkun hemm problema b'*connection* minnhom meta jsir *trimming* tas-siġar peress li l-*wire* qiegħed mgħoddi minn ġol-friegħi u jidher ikrah. Is-SE infurmat li l-*electrician* ġej għada biex jara x'alternattivi hemm. Se niċċekkjaw ukoll jekk jistax iżid l-effett tad-dawl għax ma tantx jidher.

12.3.4 <u>Para 11.3.2 - *Framework Agreement – Public Works*</u>
Is-Sindku infurma li bagħtna diversi *reminders* u għadna qed nistennew risposta mill-*Public Works* dwar l-applikazzjoni biex isir *patching* (*hot asphalt)* ta' parti minn Triq Santa Marija. Kien hemm qbil li niktbu lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Omar Farrugia.

12.3.5 <u>Para 11.3.3 – *Speed* eċċessiv fit-toroq</u>
Ir-Reġjun Tramuntana infurmawna li jistgħu jiggwidaw lill-Kunsill fuq miżuri li jistgħu jittieħdu sabiex nikkontrollaw l-i*speed* f'numru ta' toroq fil-lokalità. It-toroq l-iktar problematiċi huma Wied Ħal Balzan, Triq il-Kbira, Triq Idmejda, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Triq il-Kannizzata, Triq Birbal, Triq Ġuże' Bonniċi u Triq B. Bontadini.

12.3.6 <u>Para 11.3.5 - Talba biex titneħħa *parking bay* fi Triq San Franġisk (faċċata tal-garaxxijiet ta' *Homeland Court*)</u>
Din il-materja għadha pendenti.

12.3.7 <u>Para 11.3.7 - Bankina fi Triq Antonio Bosio</u>
Is-SE infurmat li r-resident sab soluzzjoni u rringrazzja lill-Kunsill tal-għajnuna.

12.3.8 <u>Para 11.6.2 – Rapport li jikkumpara l-allokazzjoni maż-żieda fl-ispejjeż</u>
Dan ir-rapport se jiġi mħejji mill-*accountant* u jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss.

12.3.9 <u>Para 11.4.5 - Preżentazzjoni ta' kotba – Skola Primarja Lija / Balzan / Iklin</u>
Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier ONDG talli attenda f'isem il-Kunsill.

12.3.10 <u>Para 11.8.1 – Vakanza ta' *Administration Officer II* (Skala 10)</u>
Is-Sindku infurma lit-talba biex nestendu l-impjieg ta' Mariella Casha b'sena ġiet approvata.

## 12.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.4.1 Proġett ta' *Embellishment* fi Triq il-Qarċilla

Is-Sindku infurma li l-applikazzjoni tal-PA biex issir emenda fil-proġett (tiċkien il-*planter* minn quddiem residenza) ma ġietx approvata peress li meta IM għamlu l-proġett, m'għamlux id-*disabled parking* li kien hemm fil-pjanta. Il-Perit se jemenda l-pjanta biex tkun konformi.

12.4.2 Triq il-Kbira

Is-Sindku infurma li l-Perit se jkun qed jibgħat stima biex isir *hot patching* tal-parti minn k/m Triq San Valentin sal-Knisja, li tinsab fi stat ħażin ħafna.

12.4.3 Proġett - Għalqa, Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina

Is-Sindku infurma li l-Perit se jkun qed jibgħat pjanta riveduta tal-proġett skond kif qed jirrakkomandaw TM. Dan biex jiġu sottomessi lill-PA biex jitkompla l-proċess tal-applikazzjoni.

12.4.4 Laqgħa mal-*Community Police*

Is-Sindku infurma li fl-aħħar laqgħa li kellu appella għal aktar viżibilità fit-toroq. Fil-laqgħa li jmiss se jinfurmahom biż-żieda ta' serq mid-djar fil-lokalità.

12.4.5 Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana

Is-Sindku irringrazzja lill-Viċi Sindku talli attenda l-laqgħa fl-assenza tiegħu. Is-Sindku fakkar li għad hemm post disponibbli għal xi ħadd mill-Kunsilliera, biex f'Ottubru, flimkien mas-Sindku jattendu għall-*European Week of Regions* fi Brussel. Il-Viċi Sindku aġġorna lill-Kunsill fuq l-aħħar laqgħa tar-Reġjun. Numru ta' punti ġew diskussi, fosthom issemma li kull Kunsill huwa intitolat għall-installazzjoni (inkluż is-servizzi) ta' 3 *CCTV cameras* fil-lokalità. Il-Kunsill se jissuġġerixxi li jiġu installati fi Triq l-Annunzjata (viċin il-Knisja), Triq l-Imdina (passaġġ) u Triq il-Qarċilla k/m Triq Triq San Franġisk.

12.4.6 Talba għal *Un/loading Bay* quddiem Rojolin Bakery

Is-Sindku infurma li Rojolin Bakery qed jitolbu li ssir *un/loading bay* viċin il-forn għax huwa impossibbli li jħottu mingħajr ma jaqilgħu ċitazzjoni. Il-Kunsill abel li napplikaw ma' TM.

## 12.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

12.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 12.6 L-Ittra ta' Direzzjoni 2024 u r-Risposta tal-Kunsill

12.6.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Ittra ta' Direzzjoni 2024 u r-risposta ssuġġerita tal-Kunsill. Kopja ta' dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

12.6.2 Fuq proposta tal-Kunsillier MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier ONDG, ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni ġiet approvata unanimament.

## 12.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

12.7.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 12.8 Jum Ħal Balzan 2025

12.8.1 Ġieħ Ħal Balzan

Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-regolamenti l-ġodda għal Premju Ġieħ Ħal Balzan, hekk kif emendati u approvati fil-laqgħa li għaddiet. In-nominazzjonijiet se jkunu miftuħa sa jumejn qabel il-laqgħa li jmiss, biex jiġu diskussi.

12.8.2 Jum Ħal Balzan

Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier MLB għad iridu jiltaqgħu biex jibdew jaħdmu fuq l-attività għal Jum Ħal Balzan.

## 12.9 Festa 2025

12.9.1 Is-Sindku infurma li qed nikkoordinaw biex issir il-laqgħa ta' qabel il-festa mal-pulizija, iż-żewġ Każini tal-banda, iċ-Ċentru Żgħażagħ u l-Kappillan.

12.9.2 Is-Sindku infurma li se nikkoordinaw mal-kuntrattur tal-knis biex isir it-tindif neċessarju wara li jgħaddu l-marċi u wara l-Festa tal-karti. Se ssir laqgħa mal-kuntrattur biex jiġi infurmat bid-dettalji relatati mal-festa.

12.9.3 Bħas-snin preċedenti, se jinħarġu l-permessi lill-Każini għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet għal waqt il-festa.

## 12.10 Skemi Finanzjarji

12.10.1 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/04/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għal skema SPI/SCI/04/2025 li tinkludi d-dettalji tal-attività 'Il-Milied f'Ħal Balzan', li qed tiġi ppjanata li ssir nhar is-Sibt, 13 ta' Diċembru 2025. Jekk l-applikazzjoni tiġi approvata, l-iskema ser tkun qed tkopri 85% tal-ispiża.

12.10.2 Il-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni. Il-Kunsill approva wkoll li jiffinanzja 15% tal-ispiża.

## 12.11 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

12.11.1 <u>Mural ta' Gabriel Caruana</u>
Is-Sindku infurma li għadu qed jistenna risposta mingħand il-familjari tal-mibki Gabriel Caruana. Se jkun qed jibgħatilhom *reminder*.

12.11.2 <u>Bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech</u>
Is-SE infurmat li ma rċivejna l-ebda kwotazzjoni oħra. F'dan ir-rigward, il-Kunsill unanimament approva l-unika kwotazzjoni li rċivejna ta' l-artist Indri' Attard.

## 12.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

12.12.1 <u>*Scaffolding* armat fi Triq il-Providenza</u>
Is-Sindku għamel referenza għall-i*scaffolding* li kellu jiżżarma madwar ħmistax ilu. Is-SE infurmat li bħala uffiċċju ta' kuljum nitolbu li jsir infurzar. L-applikant infurmana li sal-aħħar tal-ġimgħa se jitneħħa. Il-Kunsill qed jesiġi li l-i*scaffolding* irid jitneħħa qabel il-festa għax se jkun qed jimblokka l-aċċess biex isir l-armar u biex tgħaddi l-purċissjoni fil-festa.

12.12.2 <u>Ħsara fi Triq it-Tliet Knejjes</u>
Is-Sindku semma il-ħsara li saret fuq arblu tal-festa li allegatament saret minn xi kuntrattur li kien qed jaħdem b'makkinarju. Is-SE qalet li kitbet lill-kuntrattur li ġieli ħadem fiż-żona, fejn informa li se jiċċekkja mal-ħaddiema. Is-Sindku talab li nibagħtu *reminder*.

12.12.3.1 <u>Talba biex issir grada qabel ma jibda t-taraġ tal-bandli</u>
Fil-laqgħa tal-lokalità, resident issuġġerixxa li ssir grada fil-bandli qabel ma jibda t-taraġ. Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill xi kwotazzjonijiet għal grada (ġnub fissi u tinfetaħ min-nofs).

12.12.3.2 Il-Kunsill qabel li ssir però ġie ssuġġerit li l-grada tkun tista' tinfetaħ kollha f'każ li jkollna bżonn indaħħlu xi ħaġa kbira fil-bandli jew ikollna xi attività. Se nġibu kwotazzjonijiet ġodda. Se niċċekkjaw x'opzjonijiet jistgħu jsiru u l-possibilità li jsir xi *rubber* fuq il-biċċa li tingħalaq.

12.12.4 <u>Talba biex issir bankina – Triq it-Tabib J. Zammit</u>
Residenta qed titlob li ssir bankina mal-ħajt tad-dar tagħha (nru. 13) għax qed jipparkjaw il-muturi mal-ħajt. Se jiġi ċċekkjat il-wiesgħa tat-triq u napplikaw għal permess ma' TM.

12.12.5 <u>*Claim No.* 01/2025</u>
Qed jintalab kumpens għal ħsara li ġarrab f'*tyre* tal-vettura fl-04/04/2025 hekk kif kien ħiereġ minn Triq il-

Providenza għal Triq il-Kbira, kellu jersaq lejn il-bankina tal-lemin u laqat it-*tyre* ta' wara. Din il-ħsara tammonta għal €376.01. Il-Kunsill iddiskuta u m'approvax it-talba għax ma jidhirx li l-ħsarat huma konsistenti mal-inċident li qed jiġi rrapportat mill-kwerelant.

12.12.6 <u>Petizzjoni biex isir *Residential Parking Scheme* fi Triq il-Qarċilla</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill petizzjoni biex isir *Residential Parking Scheme* fi Triq il-Qarċilla. Is-Sindku infurma li tkellem mal-persuna li ħadet ħsieb il-petizzjoni, fejn infurmah li qed jagħtu permess lill-Kunsill biex ngħaddu l-petizzjoni lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi.

12.12.7 <u>Talba biex jinħareġ permess lill-ħaddiema biex jipparkjaw fiż-żona tat-*Timed Parking*</u>
L-Ambaxxata tal-Kuwait qed jitolbu lill-Kunsill biex joħroġ permess lill-ħaddiema biex ikunu jistgħu jipparkjaw fiż-żona tat-*Timed Parking except for residents*. Din it-talba ma ġietx approvata mill-Kunsill.

12.12.8.1 <u>Talba biex il-linji tal-parkeġġ fi Triq San Franġisk jiġu mmarkati individwali</u>
Resident qed jitlob biex il-linji tal-parkeġġ jiġu mmarkati individwali minflok kaxxi sħaħ għax bil-mod li qed jipparkjaw qed jinħela l-ispazju.

12.12.8.2 Is-SE infurmat li dawn kienu saru hekk minn IM biex jintrebaħ kemm jista' jkun spazju ta' parkeġġ għax biex isiru individwali, skond l-i*standards* ta' TM jaf jintilef xi parkeġġ. Kien hemm qbil li jsir eżerċizzju biex jiġi identifikat u jiġi kkalkulat kemm jista' jintilef parkeġġ. Din it-talba ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

12.12.9 <u>Talba biex issir tabella *Cats Crossing* fi Triq Idmejda</u>
Il-Kunsill irċieva talba biex titwaħħal tabella *Cats Crossing* biex twissi s-sewwieqa li hemm qtates fit-triq. Il-Kunsill approva. It-tabella se teħel fi Triq Idmejda k/m Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina.

12.12.10 <u>Talba biex issir *road hump* fi Triq Idmejda</u>
Saret talba biex issir *road hump* fit-triq għax vetturi qed jgħaddu b'veloċità eċċessiva. Kif intqal aktar qabel fil-laqgħa, se ikun qed isir studju fuq miżuri li jistgħu jittieħdu sabiex nikkontrollaw l-i*speed* f'numru ta' toroq fil-lokalità.

12.12.11 <u>PA/07863/24 - Sqaq Nru. 1 Triq il-Providenza</u>
Resident għamel referenza għall-applikazzjoni ta' żvilupp fejn qed jiġi propost li jinfetaħ garaxx (minflok tieqa) fl-isqaq. Il-Kunsill innota li ż-żmien li tista' toġġezzjona għalaq fl-20/12/24. Se niċċekkjaw mal-Perit dwar jekk nistgħux nibgħatu xi komunikazzjoni lill-PA dwar dan il-propost żvilupp.

12.12.12 <u>*Telephone Box* li hemm fil-Pjazza</u>
Is-Sindku infurma li bqajna mingħajr l-ebda risposta. Se jkun qed jiċċekkja ma' xi Kunsilli oħra li diġà qed jamministraw xi *telephone box* fir-raħal tagħhom.

12.12.13 <u>Triq l-Annunzjata k/m Triq Wiġi Ebejer</u>
Saret referenza għall-istat ħażin li tinsab fiha din il-parti tat-triq. Il-ħaddiema tal-Kunsill għamlu *patching* kif setgħu, però din il-parti għandha bżonn tiġi rikostruwita mill-ġdid. Rikostruzzjoni ta' toroq isiru minn IM.

12.12.14 <u>*Zebra Crossing* f'Wied Ħal Balzan (viċin Triq it-Tliet Knejjes)</u>
Residenti qed jilmentaw lit-tabella taż-*zebra crossing* li hemm viċin Triq it-Tliet Knejjes mhix tidher għax qiegħda mal-ħajt u għalhekk qed jissuġġerixxu lit-tabella ssir fuq *pole*. Il-Kunsill approva.

12.12.15 <u>Talba biex issir mera f'Wied Ħal Balzan</u>
Il-Kunsill irċieva talba biex issir mera faċċata tal-ħruġ mill-parkeġġ ta' *Smart Supermarket* biex il-vetturi jkollhom viżjoni tat-traffiku li jkun ġej. Il-Kunsill approva u se napplikaw għal permess ma' TM.

12.12.16 <u>Bankina fi Triq il-Kbira quddiem il-Każin tal-PN</u>
Sid il-ħanut li se jiftaħ fil-Każin tal-PN talab il-permess tal-Kunsill biex jirranġa l-bankina ta' quddiemu għax hemm rampa żejda. Hu talab li jneħħi r-rampa u jagħmilha livell mal-kumplament tal-bankina. Din it-talba ġiet approvata bil-kundizzjoni li ssir għas-sodisfazzjon tal-Kunsill.

12.12.17 <u>Talba għal *cigarette bin*</u>
Qed issir talba biex jitwaħħal *cigarette bin* fejn il-Każin tal-PN. Il-Kunsill approva.

12.12.18 <u>Talba biex jitressaq il-*bin* li hemm fejn il-Każin tal-PN</u>
Saret talba biex il-*bin* li hemm fejn il-Każin tal-PN jitressaq faċċata għax qed iħallu l-boroż madwaru. Il-Kunsill m'approvax li l-*bin* jersaq fejn il-knisja.

12.12.19 <u>*Roundabout* fi Vjal De Paule</u>

Saret referenza għar-*roundabout* il-ġdida li saret minn IM f'nofs Vjal De Paule. Is-SE infurmat li bħala Kunsill ktibna diversi drabi lill-IM biex iħawwlu xi pjanti fiha, però qatt ma rċivejna risposta. Kien hemm qbil li niktbu direttament lis-Sur Steve Ellul (CEO ta' IM).

12.12.20 <u>Qsari quddiem iz-zuntier tal-Knisja</u>

Issemmew il-pjanti mitluqa li hemm quddiem iz-zuntier tal-Knisja. Dawn huma proprjetà tal-Każin tal-Banda San Gabriel. Il-Viċi Sindku EG u l-Kunsillier AG se jitkellmu mal-Kappillan u xi membri tal-Każin, biex niċċekkjaw dwar il-possibbiltà li jinbidlu l-*pots* jew jitneħħew kompletament.

## 12.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

12.13.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 05/25, li tinkludi l-ammont ta' €105.87c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' April 2025.

12.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier ONDG li kien issekondat mill-Kunsillier AG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 12.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

12.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.50pm.

12.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025 fil-5.00pm. Il-Kunsillier ONDG se jkun imsiefer u għalhekk se jingħaqad għal-laqgħa *online.* Kien hemm qbil unanimu li jekk ma jaqbilx ma' xi punti li jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss, dawn jerġgħu jiġu diskussi fil-laqgħa ta' Lulju, biex il-Kunsillier ONDG jkun jista' jieħu sehem fid-deċiżjoni.

Konfermati, it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |